**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 12 t'April 2018**

**Pulizija**

**Spettur Nikolai Sant**

**Vs**

**Nina Schmitt-Deschamps**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Nina Schmitt-Deschamps, ta' 26 sena bint Alayn u Chantal nee' Deschamps, imwielda Franza nhar l-24 t'Awwissu 1991, u residenti gewwa 71, Flat 2, Mansija Road, San Giljan, u detentrici tal-passaport Franciz bin-numru 17DH53765;

Talli nhar it-30 t'Ottubru 2017 ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghodu (06:30hrs) gewwa Triq il-Mensija, San Giljan:

1) Gieghelet annimal (kelb) isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn;

2) B'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici, kisret volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

3) F'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kienet tinsab fis-sakra b'mod li ma kienetx tista' tiehu hsieb taghha nnifisha.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikolu 8(2) tal-Kap 439 tal-Ligijet ta' Malta u l-Artikoli 338(dd) u 338(ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imsemmija imputata hatja tal-ewwel akkuza kif dedotta mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk qieghda tilliberha minnha;

Issibha hatja tat-tieni w it-tielet akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**